DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2015/173

tat-3 ta' Frar 2015

dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) u li tħassar id-Deċiżjoni EUTM Somalia/1/2013 (EUTM) SOMALIA/1/2015

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta' Frar 2010 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2010/96/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti rigward il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' EUTM Somalia, inklużi d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE.

(2) Fis-17 ta' Diċembru 2013, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUTM Somalia/1/2013 ([2]) li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Massimo MINGIARDI bħala Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia.

(3) Fit-18 ta' Frar 2014, l-Italja pproponiet il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Antonio MAGGI bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia biex jissostitwixxi lill-Brigadier Ġeneral Massimo MINGIARDI.

(4) Fit-8 ta' Jannar 2015, il-Kumitat Militari tal-UE rrakkomanda li l-KPS jaħtar lill-Brigadier Ġeneral Antonio MAGGI bħala Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia biex jissostitwixxi lill-Brigadier Ġeneral Massimo MINGIARDI.

(5) Id-Deċiżjoni EUTM Somalia/1/2013 għandha titħassar.

(6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhijiex qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u la hija marbuta biha u lanqas mhija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral Antonio MAGGI huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) mit-8 ta' Marzu 2015.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni EUTM Somalia/1/2013 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 44, 19.2.2010, p. 16.
([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUTM Somalia/1/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tas-Somalja (EUTM Somalia) (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 53).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Marzu 2015.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2015.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
W. STEVENS